

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2009 mir-
Repubblika tal-Estonja kontra s-sentenza tal-Qorti tal-
Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (L-Ewwel Awla)
tat-2 ta' Ottubru 2009 fil-Kawża T-324/05, L-Estonja vs
Il-Kummissjoni**

(Kawża C-535/09 P)

(2010/C 63/46)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Partijiet

Appellant: Ir-Repubblika tal-Estonja (rappreżentant: L. Uibo)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika tal-Latvja

Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza appellata kollha kemm hi;
- tikkonferma t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza.

Aggravji u argumenti prinċipali

Ir-Repubblika tal-Estonja tqis li s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza) għandha tiġi annullata għar-raġunijiet li ġejjin:

- (1) Il-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat l-evidenza u applikat b'mod żbaljat il-prinċipju ta' kolleġjalità stabbilit fl-Artikolu 219 KE.
- (2) Il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod żbaljat l-Att ta' Adeżjoni u r-Regolament Nru 60/2004 ⁽¹⁾.
 - (a) Il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 60/2004 billi kkunsidrat li l-kunċett ta' "ħażniet" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni jkopri anki r-riżervi domestiċi.
 - Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddefiniet l-għan tar-Regolament Nru 60/2004 u tal-punt 2 tal-Kapitolu 4 tal-Anness IV tal-Att ta' Adeżjoni b'mod dejjaq wisq meta kkunsidrat li dan l-għan huwa li jiġi evitat "kull" tfixkil.
 - Il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod żbaljat l-Artikoli 6 u 7(1) tar-Regolament Nru 60/2004 billi kkunsidrat li l-Istati Membri huma obbligati jeliminaw il-ħażniet żejda ta' zokkor, obbligu li ma għandu ebda bażi legali.
 - (b) Il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod ħażin l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament Nru 60/2004 billi llimitat

b'mod li huwa inammissibbli l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u eskudiet minn dan il-kamp ta' applikazzjoni ċ-ċirkustanzi li fihom ġew ikkostitwiti l-ħażniet Estonjani taz-zokkor.

- Il-Qorti tal-Prim'Istanza evalwat b'mod żbaljat l-evidenza u żnaturatha meta eżaminat l-argumenti Estonjani li l-kostituzzjoni ta' riżervi domestiċi għandha rwol importanti fil-konsum u fil-kultura tal-Estonjani.
- Il-Qorti tal-Prim'Istanza ma evalwatx b'mod korrett l-aspettattivi leġittimi tal-Estonja li nħolqu b'riżultat tal-impenji meħuda mill-Kummissjoni matul in-negożjati fid-dawl tal-adeżjoni.
- Il-Qorti tal-Prim'Istanza ma evalwatx b'mod korrett il-kontribuzzjoni tal-UE għall-kostituzzjoni tal-ħażniet.

- (3) Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, b'mod żbaljat, li l-Kummissjoni ma kinitx kisret l-obbligu ta' motivazzjoni.
- (4) Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, b'mod żbaljat, li l-Kummissjoni ma kinitx kisret il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 60/2004, tal-14 ta' Jannar 2004, li jstabbilixxi miżuri transitorji fis-settur taz-zokkor bħala riżultat tad-dħul tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 42, p. 125).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Upravno
sodišče Republike Slovenije fil-21 ta' Diċembru 2009 —
Marija Omejc vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

(Kawża C-536/09)

(2010/C 63/47)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinviju

Upravno sodišče Republike Slovenije.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Korrierenti: Marija Omejc.

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja.